MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 159/2009

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippreżentat mill-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi dan huwa rikors ai fini tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu r-rikorrenti qieghed jitlob li t-talba tieghu ghas-separazzjoni maghmula f'din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju;

Illi r-rikorrenti kien intavola proceduri ta' separazzjoni kontra martu li fil-fatt huma l-proceduri odjerni;

Illi ai termini tal-Artikolu 66B jigi rilevat :

a. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu ta' mizzewgin ghal mill-inqas erbgha (4) snin u cioe jaghlqu hames (5) snin fi Frar tas-sena 2014;
b. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
c. Illi l-ulied tal-partijiet huma maggorenni u ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Illi huwa ghalhekk illi dak kollu mitlub mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatt.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba tieghu ghas-separazzjoni maghmula f'din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ippremmiet :

1. Illi qed topponi t-talba tar-rikorrenti attur sabiex it-talba ta' separazzjoni titqies bhala talba ghall-pronunzja ta' divorzju ghal diversi ragunijiet;

2. Illi ghalkemm ir-rekwiziti tal-artikolu 66B(a) u (b) tal-Kap. 16 huma sodisfatti, r-rekwizit fl-Artikolu 66B(c) m'huwiex u il-Ligi trid illi t-tlett rekwiziti kollha ikunu prezenti u sodisfatti sabiex Qorti tbiddel talba minn wahda ta' separazzjoni ghal wahda ta' divorzju;
3. Illi rigward it-tielet rekwizit mitlub mill-Ligi fl-Artikolu 66(B)(c) tal-Kap. 16 dwar il-manteniment, filwaqt illi m'hemmx manteniment ghall-ulied stante illi dawn huma maggorenni u t-tnejn li huma jahdmu, hemm pendenti bejn il-partijiet nuqqas ta' qbil fuq il-manteniment ghall-mara;
4. Illi l-intimata qed titlob d-dritt taghha ghall-manteniment stante illi kien r-rikorrenti attur illi farrak iz-zwieg minhabba adulterju u abbandun tad-dar matrimonjali u fil-fatt ghadu qieghed ighix mal-mara li maghha kkommetta l-adulterju;
5. Illi apparti l-manteniment, l-intimata konvenuta qeghda titlob ukoll porzjon mill-pensjoni tar-rikorrenti peress illi, kif irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentat tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, l-ammont ta' pensjoni li ser tkun qed tiehu l-intimata konvenuta hija wahda misera peress illi ilha tahdem biss ghal dawn l-ahhar tmien snin u m'ghandhiex bizzejjed bolla sabiex tiehu pensjoni tajba u l-intimata diga ghandha 55 sena. Mill-banda l-ohra irrizulta minn din ix-xhieda illi r-rikorrenti ser jiehu l-massimu li wiehed jista jiehu bhala pensjoni;
6. Illi hemm ukoll nuqqas ta' qbil dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, b'mod partikolari fuq id-dar matrimonjali li r-rikorrenti ghogbu jabbanduna;
7. Illi m'huwiex minnu dak li qal ir-rikorrenti fl-affidavit tieghu illi rabba t-tfal hu u li t-tnejn li huma ghadhom ighixu mieghu. L-intimata konvenuta dejjem ippartecipat b'mod attiv u dirett fit-trobbija tat-tfal taghha u anki waqfet tahdem biex trabbihom. Huwa biss it-tifel Kevin, ta' 22 sena u li jahdem fulltime, li ghadu ighix mieghu peress illi it-tifel Keith ta' 26 sena, qieghed ighix l-Irlanda;
8. Illi fid-dawl tan-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiert fuq il-punti suesposti, l-intimata konvenuta ser issofri pregudizzju jekk tigi milqugha t-talba tar-rikorrenti;
9. Illi, di piu, r-rekwiziti specifikata fl-artikolu 66B m'humiex sodisfatti fl-intier taghhom kif titlob il-Ligi u ghalhekk it-talba ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina il-Qorti sabiex tichad t-talba tar-rikorrenti ghar-ragunijiet suesposti, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex it-talba ta’ separazzjoni bejn il-partijiet titqies bhala talba ta’ divorzju.

Permezz tar-rikors promotur tieghu, ir-rikorrent jiddikjara li hu u martu ilhom ma jghixu ta’ mizzewgin ghal mill-anqas erba’ (4) snin u cioe’ minn Frar 2014. Jiddikjara wkoll li m’hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejniethom, b’dan li *stante* li l-ulied huma maggorenni m’hemm ebda kwistjoni ta’ manteniment dovut.

Permezz tar-risposta taghha, l-intimata toggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li minkejja li r-rekwiziti tal-Artikolu 66B(a) u 66B(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti, l-Artikolu 66B(c) mhux sodisfatt abbazi ta’ manteniment ghaliha.

**Il-Verzjoni tar-Rikorrent**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], r-rikorrent jerga' jiddikjara li hu u martu ilhom mifrudin ghal aktar minn erba' (4) snin u jghid li qatt ma kien hemm il-possibilita' li jirrikonciljaw. Dwar il-kwistjoni ta' manteniment, jghid li l-intimata tahdem u li m'hemmx manteniment favur taghha filwaqt li m'hemm lanqas ebda manteniment ghall-ulied *stante* li dawn huma maggorenni u jghixu mieghu.

Imbaghad permezz tax-xiehda tieghu *viva-voce*[2], jghid li qatt ma qal lil martu biex tmur tahdem jew biex tieqaf tahdem. Jghid li qaghdet id-dar bi *buona volonta'* taghha. Jghid li kienet l-intimata pero' li ma rieditx tahdem. Jikkonferma li l-ulied huma maggorenni, jahdmu u jghixu mieghu. Permezz tax-xiehda tieghu tat-12 ta' Frar 2015[3], ir-rikorrent jikkonferma li ghandu introjtu ta' madwar €22,000 fis-sena minghajr taxxa u minghajr bolla mnaqqsa. Jiddikjara li fl-iskala li qieghed hu (cioe' dik ta' skala 7), ma jistax jaghmel *overtime*. Jghid li l-uniku introjtu li ghandu huwa minn xogholu ta' *nurse* ghaliex minkejja li kien jaghmel xoghol ta' *lecturing* l-Universita' dan waqqfu ghaliex ma rahx *worth it*.

**<u>Il-Verzjoni tal-Intimata</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[4], l-intimata tiddikjara li hi u zewgha ilhom mifrudin ghal hames (5) snin wara li l-attur abbanduna d-dar matrimonjali u kkommetta adulterju. Tghid li zewgha jmantni lil din il-mara li maghha kkometta l-adulterju *stante* li jghix maghha u jmantni wkoll lil bintha izda ma jmantnix lilha , u dan wara li telqet mill-impjieg taghha biex trabbi lil uliedhom. Tghid li hi u zewgha ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni *stante* li ma jistghux jilhqu ftehim dwar il-komunjoni tal-akkwisti u lanqas fuq il-manteniment taghha issa li kwazi waslet ghall-eta' pensjonabbli. Tghid li ilha tahdem biss ghal dawn l-ahhar tmien (8)

[1] Esebit a fol 8 tal-process
[2] Ara x-xhieda tieghu datata t-18 ta' Novembru 2014 esebita a fol 38 tal-process
[3] Esebita a fol 59 tal-process
[4] Esebit a fol 20 tal-process

snin b'dan li ghalhekk il-pensjoni taghha ser tkun wahda mizera li ma tistax tghix fuqha.

Permezz tax-xiehda taghha *viva-voce*[5], l-attrici tghid li zewgha qatt ma taha manteniment. Tiddikjara li bdiet tahdem wara tmintax (18) –il sena zwieg bhala *nurse* u ghandha introjtu ta' madwar elf Euro (€1000) jew elf u mitejn Euro (€1200) fix-xahar. Tghid li minhabba li m'ghandhiex bolol imhallsin bizzejjed, ser ikollha pensjoni ta' madwar erba mitt Euro (€400) fix-xahar filwaqt li zewgha dejjem baqa' jahdem u dejjem kellu paga tajba. Huwa proprju ghalhekk li ser ikollu l-aqwa pensjoni possibbli. Tiddikjara li tixtieq li jkollha manteniment minghandu biex la tirtira mix-xoghol tkun tista' tghix, anke ghaliex m'ghandha ebda introjtu iehor. Tghid ukoll li ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tar-rikorrent dwar l-ulied, fis-sens li jghid li rabba lill-istess ulied hu ghaliex hi waqfet tahdem proprju biex trabbi lill-istess ulied. Tikkonferma li wara sitt (6) xhur mis-separazzjoni taghhom, l-ulied marru jghixu mieghu. In kontro-ezami, l-intimata tikkonferma li sal-lum m'hemm ebda digriet ta' manteniment ghaliha filwaqt li fuq mistoqsija tal-Qorti dwar jekk qatt talbet manteniment lil zewgha, l-intimata tikkonferma li le.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Issir referenza ghax-xiehda ta' Silvana Bonello[6] bhala *pay-roll officer* fi hdan Mater Dei, fejn tikkonferma li l-intimata ghandha introjtu ta' €15,814 bhala *basic pay* u €5254.49 bhala *Sunday allowances* li huma *fixed* fis-sena, *average* ta' €1200 bhala festi pubblici, *Annual bonus* ta' €512.46, il-*bonuses* tal-Gvern u n-*Nursing Premium* ta' €2911.92 fis-sena. Tghid

[5] Datata l-5 ta' Gunju 2014 esebita a fol 23 tal-process
[6] Ara x-xhieda taghha datata t-18 ta' Novembru 2014 esebita a fol 31 tal-process

ukoll li l-intimata qieghda fi skala tnax (12), b'dan li huwa mistenni li fis-sena 2017, precizament f'Awwissu tilhaq skala ghaxra (10).

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Ivan Cilia[7] li xehed in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fejn jiddikjara li l-intimata m'ghandha ebda kontribuzzjoni mhallsa ghall-perjodu ta' bejn is-sena 1989 u s-sena 2004, b'dan pero' li jidher li l-istess intimata ser tkun intitolata ghall-minimu u cioe' s-somma ta' madwar mija u ghaxar Euro (€110) fil-gimgha b'dan li naturalment kollox jiddependi dwar kemm ser iddum tahdem l-intimata u kemm ser thallas kontribuzzjonijiet. Ix-xhud jiddikjara li anke jekk tahdem sal-eta' ta' 64 il-pensjoni taghha ma tkunx il-massimu.

Issir referenza ghax-xiehda ta' George Cremona[8] bhala rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, fejn jixhed b'referenza ghac-*children's allowance*. Kwantu ghall-pensjoni tar-rikorrent, jghid li jekk jibqa' jhallas il-kontribuzzjonijiet, ser ikun intitolat ghall-pensjoni massima filwaqt li kwantu ghall-intimata, peress li ghandha kontribuzzjonijiet nieqsa, mhix ser tkun tista' tippercepixxi pensjoni massima.

## **Ir-Rekwiziti għat-Talba ta' Divorzju**

Il-Qorti tirrileva li l-unika rekwizit li m'humiex jaqblu fuqu l-partijiet kwantu ghat-talba ta' konverzjoni minn kawza ta' separazzjoni ghal wahda ta' divorzju huwa dak relatat mal-manteniment ghall-mara.

---

[7] Ara x-xhieda tieghu datata t-18 ta' Novembru 2014 esebita a fol 34 tal-process
[8] Ara a fol 54 tal-process

Jidher li l-intimata tippretendi hlas ta’ manteniment ghaliha, b’dan li l-istess manteniment (flimkien mal-mod ta’ kif ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti) huma r-ragunijiet ghaliex l-partijiet ma waslux ghal ftehim bonarju. Il-Qorti taghmilha cara f’dan l-istadju li mhux ser tippronunzja ruhha dwar il-mertu tas-separazzjoni taghhom jew ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti *stante* li dan huwa prematur f’dan l-istadju. Dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk ir-rekwiziti tal-ligi gewx sodisfatti ghal dikjarazzjoni ta’ hall taz-zwieg jew le.

Jidher ukoll li l-pretensjoni tal-intimata hija wahda fil-futur, fis-sens li topponi ghat-talba ta’ divorzju ghaliex ghandha tali pretensjoni, pero’ jibqa’ l-fatt li prezentement m’hemm edba ordni jew digriet ghal hlas ta’ manteniment da parti tar-rikorrent u konsegwentement zgur li ma jistax jinghad li l-istess rikorrent qed jonqos milli jhallas il-manteniment lil martu.

Dan necessarjament ifisser li r-rikorrent, ghall-anqas sal-lum (u dan minghajr pregudizzju ghal mod ta’ kif tista’ tigi deciza l-kawza fl-ismijiet premessi kwantu ghas-separazzjoni taghhom, it-talbiet ancillari u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti) m’ghandu ebda obbligu li jhallas xi forma ta’ manteniment u konsegwentement, l-oggezzjoni ghat-talba ta’ divorzju abbazi ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment ghall-intimata ma tistax tregi. Jekk l-intimata tippretendi manteniment, dan ghad irid jigi deciz ghaliex kif tammetti hi stess, qatt ma ghamlet talba ghal manteniment u sal-lum m’hemm ebda ordni ghal hlas ta’ manteniment ghaliha.

L-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’referenza specifika ghal subartikolu (c) li jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta’ divorzju u cioe’, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

> ***(a)***“***Fid-data li jibdew il-proceduri ta’ divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta’, jew perjodi li***

***jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b)Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

***(c)Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57.."***

Kif inghad aktar 'il fuq, huwa l-artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-punt krucjali tat-talba odjerna u cioe' jekk il-manteniment allegatament dovut lill-intimata huwiex ta' impediment ghal dikjarazzjoni ta' divorzju jew le. Il-ligi citata hawn fuq ma ssemmix pretensjoni ta' manteniment jew manteniment li jista' jkun dovut fil-futur. Issemmi biss manteniment dovut li ghandu jkun qieghed jigi mhallas. Fil-kawza prezenti r-rikorrent m'ghandu ebda ordni ta' hlas ta' manteniment lill-intimata u konsegwentement l-ebda manteniment m'huwa qed jithallas. F'dan l-istadju r-rikorrent m'huwa qed jikser ebda digriet u ghalhekk gialadarba m'hemm ebda ordni ghal hlas u m'hemm ebda manteniment dovut (minghajr pregudizzju ghal dak li jista' jigi deciz fil-mertu tal-kawza odjerna), allura l-oggezzjoni tal-intimata m'hijiex gustifikata. Huwa inutili li l-intimata tipprova tidhol fi kwistjonijiet ta' tort jew ta' responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg, ghaliex certament dan mhux il-mertu tar-rikors odjern. Mhux il-kompetu tal-Qorti f'dan l-istadju li tiddeciedi dwar kwistjonijiet fil-futur. Dak li jrid jigi deciz huwa biss jekk hemmx ir-rekwiziti necessarji ghal dikjarazzjoni li l-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet tigi konvertita f'wahda ta' divorzju u xejn aktar.

Illi l-Qorti tirrileva li minn dak suespost u mill-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimata, l-ebda eccezzjoni ma jisthoqqilha li tigi milqugha, anke ghaliex m'hemm ebda raguni valida li tista' b'xi mod timpedixxi lil din il-Qorti milli tilqa' t-talba attrici. Gialadarba m'hemm ebda pendenza

ta' manteniment bejn il-partijiet kif diga' intqal u gialadarba l-partijiet jaqblu li ghaddew erba` snin minn mindu nfirdu *de facto* u li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom, allura l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tichad it-talba attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tordna li t-talba tieghu ghas-separazzjoni maghmula fil-kawza odjerna titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju *ai termini* tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------